**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1179/2017 fl-ismijiet:**
**Anna Maria Sultana (KI 367454)**

**Vs**

**ITC Limited (C10309)**

Illum 28 ta' Settembru 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' ITC Limited tad-29 ta' Awwissu 2017 li sar ai termini tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra d-digriet tas-7 ta' Settembru 2017;

Ra r-risposta ta' Anna Maria Sultana tal-20 ta' Settembru 2017;

Sema' t-trattazzjoni tar-rikors u halla r-rikors ghad-digriet.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Illi din hija procedura li saret a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap 12 liema artikolu fis-subinciz (1) jipprovdi illi: *Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonjiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-Ligi.*

Illi jehtieg issa li din il-qorti taghmel referenza wkoll ghall-gurisprudenza nostrali sabiex tkun tista' tasal ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni odjerna.

Illi fid-digriet fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana et**[1] gie ritenut is-segwenti:

*' il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li bis-sahha tieghu l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrenti jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor ta' l-istess Kodici jew xi ligi ohra.*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun 'raguni valida skond il-ligi', li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju fl-artikolu 836, li jitkellem dwar mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m'huwiex mandat kawtelatorju'.*

[1] Rik Nru: 287/05JRM moghti fil-5 ta' Mejju, 2005

Illi kif intqal fid-digriet fl-ismijiet **Lorraine Calleja vs Patrick Calleja**[2], b'referenza ghall-fuq imsemmi digriet, ghad illi dan il-principju gie enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fir-rigward ta' l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien l-artikolu tal-ligi li kien jirregola l-proceduri li bihom jigu attakkati atti ezekuttivi qabel id-dhul fis-sehh ta' l-attwali Artikolu 281 tal-Kap.12, u ghad illi bl- Artikolu 281 id-dritt biex jigi attakkat att ezekuttiv gie estiz ghal kull persuna ohra interessata oltre d-debitur ezekutat u t-termini entro liema tali rikors ghandu jigi notifikat, kontestat u trattat gew varjati xi ftit, il-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tal-procedura baqa' l-istess li kien taht l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk dak enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-precitat digriet tal-5 Mejju 2005 japplika ghall-kaz in ezami.

Illi *tornando* ghall-kaz *de quo* ma nsibu l-ebda allegazzjoni dwar xi difett fil-forma jew li nhareg mill-Bord li ma kienx kompetenti.

Fil-qosor il-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni huma s-segwenti:

- Fl-10 ta' Marzu 2016 inghatat sentenza mill-Bord li Jirregola l-Kera fejn permezz taghha s-socjeta' intimata giet ikkundannata tizgombra mill-mahzen li kien mikri ghandha proprjeta' ta' Anna Maria Sultana. L-istess socjeta' intimata giet ikkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza.
- Jirrizulta li sar appell minn tali decizjoni, liema appell gie cedut mis-socjeta' appellant invista ta' transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet. Bhala parti mill-ftehim il-partijiet qablu li l-ispejjez gudizzjarji tal-prim'istanza u tal-appell jithallsu kollha mis-socjeta' appellant (illum socjeta' ezekutata).
- Fl-14 ta' Frar 2017 inhadmet it-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez relatati mal-appell.
- Fil-21 ta' Marzu 2017 inhadmet it-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez rigwardanti l-istess kawza li giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera.
- Mhux kontestat bejn il-parijiet li l-ezekutanta tramite l-avukat difensur taghha baghtet diversi korrispondenzi lill-avukat tas-socjeta' ezekutata. Biss pero' ma rrizultax li ntbaghtet xi ittra ufficjali min-naha ta' Anna Maria Sultana lis-socjeta' I.T.C. Limited.

[2] Avviz Nru: 131/2011GV moghti fid-19 ta' Mejju, 2011

- Fuq talba ta' Anna Maria Sultana dan il-Bord fis-16 ta' Awwissu 2017 laqa' t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv ghall-ammont ta' €12,048.92 rapprezentanti spejjez skont iz-zewg taxxi legali fuq imsemmija.
- Fid-29 ta' Awwissu 2017 gie pprezentat r-rikors odjern kif ukoll kontestwalment gie prezentat rikors ghar-ritassa.
- Waqt is-seduta mizmuma Dr Refalo ghas-socjeta' I.T.C Limited iddikjara ghan-nom tal-istess socjeta' li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar it-taxxa tal-Qorti tal-Appell li hija fl-ammont ta' €1082.66 oltre' €174.92 Vat.

Illi l-ilment min-naha tas-socjeta' I.T.C Limited huma diversi.

Fl-ewwel lok ssostni li t-titolu ezekuttiv li fuqu qieghed jigi msejjes dan il-mandat ezekuttiv huwa wiehed null u dan ghaliex l-intimata naqset milli tirrendi dan it-titolu bhala wiehed ezekuttiv, permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap 12.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess sekwestranta ma ghandha l-ebda jedd illi titlob hrug ta' mandat ta' Sekwestru ezekuttiv stante illi l-ezekuzzjoni ta' hlasijiet ta' taxxa legali ma humiex dovuti lilha izda lir-rapprezentanti legali taghha.

Issir referenza ghal dak li gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Ludwig Limited vs Philip Degiorgio et**[3] fejn gie ritenut:

***"Revoka ghax taxxa ufficjali tal-Qorti ma gietx resa ezekuttiva ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12***

*Dan l-argument hu wiehed fallaci billi dak li l-ligi tikkontempla fl-artikolu 253(c) hu taxxa ta' drittijiet u spejjez mahruga favur avukat. Din mhux taxxa mahruga favur avukat izda taxxa tal-ispejjez tal-Qorti favur wiehed mill-kollitigandi kif tajjeb ikkwota d-difensur tas-socjeta intimata.*

*Illi fil-kawza* ***Emmanuele Delia vs. Dottore Eduardo Cutajar M.D.*** *(Qorti tal-Appell, 7/6/1952) gie ritenut li*

[3] Rik Nru: 604/2012 deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Lulju 2012

*"Ghandha ssir distinzjoni bejn dawk l-ispejjez li huma decizi bhala wiehed mill-kapi tad-decizjoni u l-ispejjez sussegwenti tal-ezekuzzjoni tas-sentenza; ghax l-ewwel xorta ta' spejjez huma parti mid-decizjoni esegwibbli mal-istess sentenza (meta jkun hemm il-kundanna ghall-hlas taghhom), u ghalihom tista' tohrog l-ipoteka gudizzjali bhal ma tohrog ghall-meritu kanonizzat, mentri t-tieni xorta ta' spejjez ma humiex ezegwibbli bhala parti mis-sentenza, imma huma ezegwibili ghalihom kif jigu ezegwiti t-taxxi; u mit-taxxi ma tinghatax ipoteka gudizzjali". Fil-fatt, l-uniku eccezzjoni ghal din ir-regola hija fejn is-sentenza ma tkun tikkontjeni ebda kundanna ghall-hlas, izda tkun inghatat biss dwar l-ispejjez tal-kawza, kif spiss jigri meta l-mertu ta' kawza jigi ezawrit fil-mori taghha (ara* ***Benigno Gatt vs. Michele Cini****, Appelli Kummercjali, 1/12/1961)."*

Fuq l-istess skorta huwa dak li gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Doris Grech vs Vincent George Delicata**[4]

*"Jirrizulta li l-Mandati ta' Sekwestru nhargu regolarment peress li gew pprezentati a bazi tas-sentenzi ndikati li ghaddew in gudikat u fuq taxxi ufficjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti fil-5 ta' Mejju 2006 (Dok.B u Dok c). Dawn it-taxxi bla ebda mod ma gew ikkontestati.*

*L-asserzjoni tar-rikorrent fejn qed jinghad li fit-taxxa legali jigu kkunsidrati biss id-drittijiet tal-konsulenti legali ghaliex dawn huma drittijiet ezekuttivi u mhux drittijiet u spejjez ohra ndikati, riferuti u msemmija fl-istess taxxa, hija asserzjoni infondata giuridikament. L-ordni ghall-hlas tal-ispejjez gudizzjarji hija parti mid-dispositiv tas-sentenza u bhala tali, ghandha tigi kkonsidrata bhala parti mill-esekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat. Skont l-artiklu 253(a) tal-kap.12 huma titoli ezekuttivi "(a) is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta." Fis-sentenzi premessi, hemm ordni diretta ghall-ispejjez tal-kawza. Ghaldaqstant it-titlu ezekuttiv tal-intimata tidderiva mill-artiklu 253(a) tal-Kap.12 u mhux mill-artiklu 253(c) kif jippretendi r-rikorrent.*

*Dwar dan il-punt, id-difensur tal-intimata jaghmel riferenza ghas- sentenza, citata minn din il-Qorti diversament presjeduta3 moghtija fl-ismijiet Emmanuele Delia vs Dottore Eduardo Cutajar M.D. (Q.A. – 7 ta' Gunju 1952) f'liema sentenza, il-Prim'Awla ghamlet distinzjoni bejn taxxa ta' drittijiet u spejjez mahruga favur avukat u taxxa tal-ispejjez tal-Qorti favur wiehed mill-kollitigandi."*

Dik il-Qorti ghaddiet biex imbaghad ikkwotat mis-sentenzi fuq citati senjatament Emmanuele Delia vs. Dottore Eduardo Cutajar M.D. u Ludwig

[4] Rik Nru: 283/2015 deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' April 2015

Limited vs Philip George Degiorgio et – tat-12 ta' Lulju 2012 (PAMCH) u l-Qorti ma sabitx raguni ghalfejn kellha tiddipartixxi minn dawk l-istess konkluzjonijiet.

Abbazi ta' dawn l-insenjamenti inkwantu ghall-ewwel zewg ilmenti mressqa ma jirrizultawx li dawn huma gustifikati. It-taxxi legali li nhargu ma nhargux favur l-avukat tal-ezekutanta izda favuraha bhala kollitiganda. Invista li gie ordnat fis-sentenza li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' ezekutata tali ordni ghall-hlas ghall-ispejjez gudizzjarji huwa parti mid-dispozittiv tas-sentenza. Ghalhekk in principju ma hemm l-ebda htiega li biex tigi reza ezekuttiva ghandha tintbaghat ittra ufficjali.

Fil-kaz odjern is-socjeta' ezekutata, wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv, u kontestwalment mal-prezentata tar-rikors odjern ipprezentat ukoll kawza ghal ritassa. Ghalhekk is-sottomissjoni tas-socjeta' hija li ghal dak li jirrigwarda t-taxxa li tirreferi ghas-sentenza tal-ewwel istanza l-ammont mhux wiehed cert u kwindi l-mandat inkwistjoni huwa wiehed null u minghajr effett.

Illi f'dan il-kaz ma huwiex kontestat illi s-socjeta' ezekutata fil-kaz in ezami hija l-parti sokkombenti li giet ordnata tizgombra mill-mahzen minnha okkupat u li giet ukoll ikkundannata sabiex thallas l-ispejjez tal-kawza. Oltre' dan, insegwitu ghall-appell prezentat mill-istess socjeta', fil-mori tal-appell il-partijiet waslu fi transazzjoni li giet ivverbalizzata fil-verbal redatt fis-seduta quddiem l-istess Qorti tal-Appell (u kif inhu maghruf il-verbal jorbot billi huwa kwazi kuntratt) gie maqbul li s-socjeta' kellha thallas l-ispejjez taz-zewg istanzi. Is-socjeta' ssostni li qatt ma giet notifikata bit-taxxi mahduma b'att gudizjarju u kien ghalhekk li ma kkontestatx it-taxxa qabel. Apparti l-fatt li lanqas almenu rapprezentant tas-socjeta' ma kkonferma tali asserzjoni bil-gurament tieghu, izda skont kif sottomess waqt it-trattazzjoni l-istess socjeta' giet mitluba thallas it-taxxa inkwistjoni permezz ta' diversi skambji ta' korrispondenza bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet. Is-socjeta' ezekutata kienet parti fil-proceduri u kienet taf ben tajjeb bl-obbligu taghha li kellha thallas l-ispejjez li giet ikkundannata thallas. Kien jinkombi fuqha li titlob l-istess taxxa. Ma tistax issa wara li halliet iz-zmien ghaddej u filwaqt li kienet avzata bit-taxxa wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv iggib 'il quddiem l-argument li l-ammont mhux cert u mhux hekk biss izda pprezentat rikors ghal ritassa kif saret taf bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku r-rikors ghal ritassa kien prezentat qabel ma intlaqghet it-talba tal-ezekutanta ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-socjeta' ITC Limited li saret ai termini tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
Bl-ispejjez jigu sopportati mill-istess socjeta' rikorrenti.

Dr Josette Demicoli LL.D.

Magistrat

Lorianne Spiteri

Deputat Registratur